# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2017**

**Kawża Nru 45**

**Rik. Nru. 423/14JRM**

**BALLUT BLOCKS SERVICES LIMITED** (C-8360)

vs

Avukat Dottor Andrew **CHETCUTI GANADO** fil-kapaċita` tiegħu ta' likwidatur tas-soċjeta` Rose Investments Limited (C-38536); Mario Spiteri (ID 781643M); Carmen Spiteri (ID 538047M); u Marcarm Services Company Limited (C-8005)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-16 ta' Mejju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (a) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-imħarrkin huma obbligati *in solidum* illi jħallsuha s-somma ta' mitejn tnejn u tletin elf, disa' mija sebgħa u tletin euro (€232,937.00) ekwivalenti għall-valur ta' materjali konsenjati u xogħlijiet eżegwiti u dan kif jirriżulta mill-annessi Dokumenti "BBS 2" sa "BBS 8", u (b) tikkundanna lill-imħarrkin, solidalment bejniethom, sabiex iħallsuha l-ammont imsemmi ta' mitejn tnejn u tletin elf, disa' mija sebgħa u tletin

euro (€232,937.00). Talbet ukoll l-ispejjeż flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mit-30 ta' Lulju, 2013 sal-jum tal-ħlas effettiv;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2014[1] li bih ordnat in-notifika lill-intimati u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-intimati Mario Spiteri, Carmen Spiteri u Marcarm Services Company Limited imressqa fit-18 ta' Ġunju 2014 li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt għaliex il-konvenju li fuqu l-kumpannija attriċi ssejjes il-pretensjonijiet tagħha kien skada u ma baqax fis-seħħ u għalhekk ma jorbotx aktar lill-partijiet u jekk l-attriċi kellha xi pretensjonijiet, kien messha talbet l-eżekuzzjoni ta' dak il-konvenju qabel skada u mbagħad, f'każ li l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' sseħħ, setgħet titlob il-ħlas tal-kreditu pretiż minnha. Minħabba f'hekk jgħidu li l-azzjoni attriċi mhijiex tajba u ma tiswiex. Huma jgħidu li minbarra li l-kumpannija attriċi trid tipprova kif imiss il-kreditu li hija tgħid li għandha titħallas, jisħqu li qatt ma awtorizzaw lill-Perit Colin Żammit biex f'isimhom jibgħat xi ittra jew jagħti awtorizzazzjoni ta' ħlas u lanqas qatt awtorizzaw lill-kumpannija attriċi tagħti xi materjal lill-kumpannija Circle Investments Limited jew li toħroġ xi *credit note* favur dik il-kumpannija. Temmew jgħidu li lanqas ma huwa minnu li jingħad li saru xi arranġamenti bejnhom u l-kumpannija attriċi biex jingħata xi kreditu favur Circle Investments Limited meta mid-dokumenti mressqin mill-kumpannija attriċi nnifisha jidher li l-konsenji tal-materjal lil Circle Investments Limited saru f'data qabel ma sar il-konvenju;

Rat it-Twegiba Maħlufa mressqa mill-intimat Avukat Dottor Andrew Chetcuti Ganado fil-kapaċita` tiegħu ta' likwidatur tal-kumpannija Rose Investments Limited fit-8 ta' Lulju, 2014, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li sa dak il-waqt ma kienx jirriżultalu li l-kumpannija minnu rappreżentata kellha tagħti xi flus lill-kumpannija attriċi. Huwa żamm sħiħ il-jedd tiegħu li, b'rabta mal-obbligi tiegħu bħala likwidatur tal-kumpannija rappreżentata minnu u skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, jirregola ruħu meta jkollu stampa aktar ċara tal-qagħda tal-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi;

[1] Paġ 169 tal-proċess

Rat in-nota imressqa mill-kumpannija attriċi fl-1 ta' Ottubru, 2014[2] bl-ismijiet tax-xhieda u b'dokument mehmuż magħha;

Rat in-nota imressqa mill-kumpannija attriċi fis-7 ta' Ottubru, 2014[3], bl-affidavit u d-dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-nota imressqa mill-kumpannija attriċi fit-2 ta' Diċembru, 2014,[4] b'dokumenti mehmużin magħha;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-nota tal-intimat Mario Spiteri imressqa fl-1 ta' Diċembru, 2015,[5] bl-affidavit mehmuż magħha;

Rat in-nota tal-intimat Mario Spiteri imressqa fil-21 ta' Jannar, 2016,[6] b'dokument mehmuż magħha;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Jannar 2016[7] li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija rikorrenti fis-7 ta' Marzu 2016[8];

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imħarrkin Mario Spiteri, Carmen Spiteri u Marcarm Services Company Limited imressqa fl-10 ta' Mejju 2016[9], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imħarrek Avukat Dr Andrew Chetcuti Ganado *nomine* imressqa fl-10 ta' Mejju 2016,[10] bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[2] Paġġ 183 sa 185A tal-proċess
[3] Paġġ 187 sa 212 tal-proċess
[4] Paġġ 228 sa 247 tal-proċess
[5] Paġġ 366 sa 369 tal-proċess
[6] Paġġ 388 sa 396 tal-proċess
[7] Paġ 397 tal-proċess
[8] Paġġ 398 sa 403 tal-proċess
[9] Paġġ 408 sa 415 tal-proċess
[10] Paġġ 416 sa 422 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Mejju 2016[11] li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' kreditu li jirrappreżenta l-prezz ta' materjal ordnat u konsenjat. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "BBSL") tgħid li hija kienet intalbet mill-imħarrkin biex tikkonsenja materjal tal-bini lilhom jew lil ħaddieħor fuq talba tagħhom u dawn baqgħu ma ħallsux tal-materjal hekk konsenjat. Il-konsenji kienu bħala l-korrispettiv li BBSL kellha tħallas għat-trasferiment lilha ta' żewġ appartamenti fi blokka ta' bini fi Triq Sant'Antnin, f'Buġibba, fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, liema konvenju għalaq wara li ġġedded xi drabi bla ma sar il-kuntratt finali minħabba li l-bejjiegħa ma kinux f'qagħda li jittrasferixxu dak li wegħdu. BBSL daret fuq l-imħarrkin biex iħallsuha tal-materjal li laħqet ikkonsenjat;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin miżżewġin Spiteri u l-kumpannija mħarrka Marcarm Services Company Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Marcarm") laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skond l-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi mhumiex mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt għaliex il-konvenju li fuqu BBSL issejjes il-pretensjonijiet tagħha kien skada u ma baqax fis-seħħ u għalhekk ma jorbotx aktar lill-partijiet u jekk l-attriċi kellha xi pretensjonijiet, kien messha l-ewwel talbet l-eżekuzzjoni ta' dak il-konvenju qabel skada u mbagħad, f'każ li l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' sseħħ, setgħet titlob il-ħlas tal-kreditu pretiż minnha. Minħabba f'hekk jgħidu li l-azzjoni attriċi mhijiex tajba u ma tiswiex. Huma jgħidu li minbarra li BBSL trid tipprova kif imiss il-kreditu li hija tgħid li għandha titħallas, jisħqu li qatt ma awtorizzaw lill-Perit Colin Żammit biex f'isimhom jibgħat xi ittra jew jagħti awtorizzazzjoni ta' ħlas u lanqas qatt awtorizzaw lil BBSL tagħti xi materjal lill-kumpannija Circle Investments Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Circle") jew li toħroġ xi *credit note* favur dik il-kumpannija. Temmew jgħidu li lanqas ma huwa minnu li jingħad li saru xi arranġamenti bejnhom u BBSL biex jingħata xi kreditu favur Circle meta mid-dokumenti mressqin minn BBSL nnifisha jidher li l-konsenji tal-materjal lil Circle saru f'data qabel ma sar il-konvenju;

[11] Paġ 427 tal-proċess

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Avukat Andrew Chetcuti Ganado, fil-kwalita' tiegħu ta' likwidatur tal-kumpannija mħarrka Rose Investments Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Rose") laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li sa dak il-waqt ma kienx jirriżultalu li Rose kellha tagħti xi flus lil BBSL. Huwa żamm sħiħ il-jedd tiegħu li, b'rabta mal-obbligi tiegħu bħala likwidatur ta' Rose u skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji, jirregola ruħu meta jkollu stampa aktar ċara tal-qagħda tal-pretensjonijiet ta' BBSL;

Illi l-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-imħarrkin, solidalment bejniethom, intrabtu b'konvenju tat-12 ta' Ottubru, 2007[12], ma' BBSL li "jbiegħu" lilha żewġ appartamenti f'*Carolina Apartments* fi Triq Sant'Antnin, Buġibba bil-prezz ta' LM100,000 ekwivalenti għal €232,937, u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija. Il-prezz kellu jitħallas billi l-bejjiegħa "jobbligaw ruħhom li jieħdu materjal tal-bini mingħand ix-xerrejja" ta' mhux inqas minn LM200,000 u "*b'hekk il-prezz ta' dawn iż-żewġ appartamenti jitħallsu f'materjal ta' bini, mill-istess mitejn elf lira Maltin materjal. Jiġi indikat li għal materjal li jittieħed, nofs il-prezz tal-materjal jitħallas fi flus u n-nofs l-ieħor jitnaqqas mill-bilanċ li jkun dovut bejn il-partijiet fuq dan il-konvenju*"[13]. Dejjem fi kliem l-istess konvenju, jekk l-att finali ma jsirx tort tal-bejjiegħa, ix-xerrejja kellhom id-dritt iġiegħlu lill-bejjiegħa jonoraw l-obbligi tagħhom "jew inkella li jieħdu lura u jżommu bħala tagħhom id-depożitu mħallas minnhom"[14]. Il-konvenju kellu jibqa' fis-seħħ sal-aħħar tal-2007[15];

Illi mehmuż mal-att tal-konvenju kien hemm dokument[16] li jiffissa r-rati u l-prezzijiet li kien sejjer jiswa l-materjal li BBSL kienet sejra tikkonsenja bħala ħlas taż-żewġ appartamenti skond l-imsemmi konvenju;

Illi matul iż-żmien li l-konvenju kien għadu fis-seħħ, kemm Rose u kif ukoll l-imħarrkin Spiteri u Marcarm awtorizzaw lil BBSL tikkonsenja materjal lil terza persuna (d-Ditta T & C Ciappara ta' Ħal Għargħur[17]) għall-finijiet tal-arranġament miftiehem fil-konvenju[18]. T & C Ciappara kienet tqabbdet biex tibni l-blokka tal-appartamenti wara li twaqqa' l-bini li kien jokkupa s-sit qabel (il-lukanda Carolina)[19]. Fl-istess żmien, saru bosta konsenji oħrajn ta' materjal tal-bini lill-imsemmija T & C Ciappara[20] u wkoll lill-kumpannija Circle[21];

[12] Dok "BBS1", f'paġġ. 7 sa 13 tal-proċess
[13] Klawsola 1
[14] Klawsola 2
[15] Klawsola 8
[16] Ara paġ. 13 tal-proċess
[17] Fis-sewwa hija kumpannija bl-isem ta' T & C Ciappara Construction Co Ltd
[18] Dokti "BBS4" u "BBS5", f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[19] Xhieda ta' Charles Ċiappara f'paġġ. 272 u 312 tal-proċess
[20] Dok "BBS7", f'paġġ. 22 sa 159 tal-proċess

Illi l-imsemmi konvenju ġġedded aktar minn darba waħda[22] u f'waħda minn dawn l-okkażjonijiet il-partijiet qablu wkoll li ż-żewġ appartamenti li BBSL kienet intrabtet li tikseb fil-konvenju oriġinali jinbidlu ma' żewġ appartamenti oħrajn fl-istess blokka ta' bini[23] billi nstab li ż-żewġ appartamenti 'oriġinali' kienu iżgħar minn kif suppost kellhom ikunu skond il-pjanta li ntweriet[24]. L-aħħar tiġdid tal-konvenju sar f'Lulju tal-2012, u kellu jagħlaq sal-aħħar ta' Lulju tas-sena ta' wara;

Illi matul iż-żmien li l-konvenju kien għadu fis-seħħ BBSL kienet interpellat lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ taż-żewġ appartamenti[25]. Imma meta beda jidher li l-bejjiegħa ma kinux f'qagħda li jersqu għall-kuntratt finali minħabba xi problemi li kien hemm ma' bank kreditur, BBSL ma ressqet l-ebda proċeduri għall-eżekuzzjoni tal-konvenju[26];

Illi fis-16 ta' Mejju, 2014, BBSL fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ, jixraq li l-ewwel u qabel kollox il-Qorti tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin Spiteri u Marcarm;

Illi bl-imsemmija eċċezzjoni huma jeċċepixxu l-preskrizzjoni skond l-artikolu 2148(a) u 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili. BBSL issostni li l-preskrizzjoni tal-2148(a) ma tgħoddx għall-każ u fi kwalunkwe każ iż-żewġ preskrizzjonijiet setgħu jibdew jimxu meta skada l-konvenju billi sa dak il-mument, l-arranġament tat-tpaċija tal-prezz kien għadu viġenti u s-soċjeta` attriċi ma setgħetx tipproċedi għall-ħlas ta' dak lilha dovut. Dan bi tħaddim tal-massima li *contra non valentem agere non currit praescriptio.* Il-konvenju għalaq fit-30 ta' Lulju 2013 u l-kawża nfetħet inqas minn sena wara, fis-16 ta' Mejju 2014;

Illi, min-naħa tagħhom, l-imħarrkin Mario Spiteri, Carmen Spiteri u Marcarm ma elaborawx fuq l-eċċezzjoni tagħhom fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom;

Illi l-likwidatur ta' Rose iddefenda din l-eċċezzjoni magħmula mill-imħarrkin l-oħrajn. Huwa jsostni li BBSL, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, stqarret li t-talba tagħha hija indipendenti mill-konvenju, u hija

[21] Dok "BBS8", f'paġġ. 160 – 8 tal-proċess
[22] Ara Dokti "NDAA3" sa "NDAA10", f'paġġ. 233 – 240 tal-proċess
[23] Dok f'paġ. 14 tal-proċess
[24] Affidavit ta' Paul Vella f'paġ. 190 tal-proċess
[25] Dok "PV1", f'paġġ. 209 – 211 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Paul Vella f'paġ. 331 tal-proċess

marbuta ma' dan li għandha tieħu għax-xogħol esegwit u materjal minnha fornit. Għalhekk, fil-fehma tiegħu, iż-żmien preskrittiv beda jimxi minn meta ġie eżegwit ix-xogħol, u minn meta kien fornit il-materjal skond il-ftehim li kien sar[27]. Il-kawża mhix ibbażata fuq il-konvenju għaliex it-talba mhix għar-rifużjoni tal-mitt elf lira Maltin imħallas bħala prezz fuq il-konvenju, imma għall-materjal u xogħlijiet. L-istess imħarrek *nomine* jargumenta li BBSL ma tistax f'nifs wieħed tgħid li din hija azzjoni maqtugħa mill-konvenju u mbagħad isserraħ fuqu sabiex tgħid li ż-żmien preskrittiv ma għaddiex. Huwa jkompli jargumenta wkoll li mill-materjal supplit tal-valur ta' mitt elf lira Maltin ma tħallset xejn fi flus kontanti u għalhekk ħamsin elf lira Maltija biss marru akkont tal-konvenju u ma hemmx dubju li dwar il-ħamsin elf Lira Maltija l-oħrajn iż-żmien tal-preskrizzjoni laħaq għadda;

Illi l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar din l-**eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** iridu tabilfors isiru fil-qafas taċ-ċirkostanzi li fih il-partijiet imħarrkin qajmu l-istess eċċezzjoni. Dan qiegħed jingħad għaliex mill-atti jidher sewwa li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti tippresupponi li l-konvenju kien jikkonsisti f'żewġ kuntratti, wieħed ta' wegħda ta' bejgħ, u l-ieħor ta' kunsinna ta' materjal. B'danakollu, fil-fehma tal-Qorti, dak li sar fil-konvenju kien kuntratt wieħed ta' wegħda ta' tpartit. Jitqies li jkun hemm wegħda bħal din anke jekk ikun hemm żewġ kuntratti differenti fl-istess kitba, basta li dawn ma jiġux ikkuntrattati b'mod awtonomu imma l-eżekuzzjoni ta' waħda tkun marbuta mal-oħra. Il-konvenju jgħid b'mod ċar u espress li l-prezz kien jikkonsisti fil-forniment tal-materjal. Fi kliem ieħor dak li kien qiegħed jiġi mwiegħed fil-konvenju ma kienx bejgħ, għax il-korrispettiv ma kienx fi flus kontanti; imma tpartit ta' bini ma' materjal. Huwa minnu li l-bejjiegħa ntrabtu li jieħdu b'mitejn elf lira Maltin (LM200,000) f'materjal, iġifieri id-doppju tal-prezz tal-appartamenti, u li jħallsu l-bqija tad-differenza ta' mitt elf lira Maltin ( LM100,000) fi flus kontanti, imma dan ma jbiddel xejn min-natura tal-konvenju bħala wegħda ta' tpartit, għax l-ebda parti mill-prezz tal-appartament ma kellha titħallas fi flus kontanti;

Illi f'ħaġa bħal din huwa mgħallem li "*Debba essere senz'altro qualificata nello schema della permuta l'alienazione in cui sia stabilito un prezzo da soddisfare esclussivamente mediante una prestazione traslativa diversa dal denaro. .. .. .. Questa fattispecie puo` trovare riscontro anche nei casi in cui le parti stipulano due vendite reciproche prevedendo la compensazione dei prezzi. Se le due alienazioni non sono intese dai contraenti in modo autonomo ma come momenti reciprocamente*

[27] Paġ. 420 tal-proċess

*condizionati, deve appunto riconoscersi di un'oparazione unitaria segnata dalla funzione di scambio tra le due prestazioni traslative*"[28];

Illi għalhekk, billi l-fornituri tal-materjal li BBSL kienet intrabtet li tagħmel kienu marbutin mal-konvenju, sakemm dan dam fis-seħħ, l-istess BBSL ma setgħetx titlob ħlas fi flus kontanti għax il-fornimenti minnha magħmula kienu fihom infushom korrispettiv jew ħlas taż-żewġ appartamenti mwegħdin lilha mill-bejjiegħa. Għalhekk, sewwa tissottometti BBSL li kien hemm xkiel legali biex issir kawża għall-ħlas sakemm il-konvenju ma kienx għadu skada. Huwa minħabba f'hekk li jgħodd il-prinċipju ta' *contra non valentem agere non currit praescriptio.* Kuntrarjament għal dak li jsostni l-imħarrek likwidatur, mhemm xejn kontradittorju filli BBSL tgħid, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, li mhix qed issejjes l-azzjoni tagħha fuq jekk il-konvenju kienx għadu fis-seħħ, iżda fl-istess waqt issostni li l-perjodu preskrittiv beda jgħaddi minn meta skada l-konvenju;

Illi l-Qorti tifhem li BBSL tgħid dan għas-sempliċi raġuni li l-prezz li ħallset fis-sura ta' materjal setgħet titolbu lura biss wara li jkun skada u waqa' l-konvenju u mhux qabel meta kien għadu jiġġedded. Dan ukoll minkejja li kien jidher, fiż-żmien li l-konvenju kien għadu fis-seħħ, li kien hemm diffikulta' kemm fuq il-ħaġa mwiegħda u kif ukoll fuq id-dejn privileġġat li kien jgħabbiha. Lanqas hija raġuni li t-talba hija għar-rifużjoni ta' valur ta' materjal ikkunsinnat u xogħol esegwit, u mhux ta' prezz ta' konvenju. Kif inhu magħruf, l-għamla ta' azzjoni tinftiehem mill-fattispeċje li tagħżel il-parti li tiftaħha u minn dak li attwalment ikun qiegħed jintalab fiha, u mhux minn xi espressjonijiet użati fit-talba. Iż-żmien tal-formaliżmu fl-atti jmissu ilu li għadda, u kif dawn il-Qrati kellhom l-okkażjoni jfissru, "*fil-kors taż-żmenijiet il-Qrati tagħna qagħdu attenti illi l-liġi ma ssirx strument ta' formaliżmu u ta' sottiljezzi li ma għadhomx jappellaw għall-esiġenzi kostruttivi tal-ħajja moderna*"[29]. Fi kliem kittieb tal-liġi Taljan magħruf, "*il giudice e` libero di applicare le norme di diritto che meglio ritiene adattabili al caso concreto, ossia di mutare la qualificazione giuridica, o nomen juris… Piu` esplicitamente il principio in discorso viene spesso enunciato col brocardo jura novit curia, ove il 'conoscere' del giudice va inteso non nel senso letterale del conoscere, ma nel senso di 'poter tenerne conto' o 'poter applicare', anche al di fuori dell'iniziativa della parte; sicche` insomma, il giudice e` libero di scegliere la norma da applicare, del tutto indipendentemente dal fatto che sia stata o non sia stata invocata dalla parte interessata*"[30];

---

[28] C Massimo Bianca, La Vendita e la Permuta, (1972) paġni 1023 u 1024
[29] App. Inf. PS **6.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Systems Ltd vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***
[30] Crisanto Mandriolo, Diritto Processuale Civile, (21[a] ediz.aggiornata, 2011), vol I, pag 101 – 2

Illi, għallanqas fil-każ tal-istralċjarju mħarrek, jidher li dwar din il-kwestjoni tal-preskrizzjoni eċċepita hemm konsiderazzjoni oħra li trid issir. Il-Qorti qiegħda tirreferi għall-aspett tar-rinunzja tal-istess eċċezzjoni;

Illi huwa magħruf li l-għarfien b'xi mod tad-dejn reklamat jissarraf f'rinunzja għaż-żmien preskrittiv. Ta' min jgħid li, f'ċerti każi, l-għarfien jitqies iżjed bħala każ ta' rinunzja għall-preskrizzjoni milli interruzzjoni taż-żmien preskrittiv[31]. Għalhekk huwa l-każ fejn l-għarfien tal-jedd tal-kreditur jista' jkun ukoll impliċitu u mhux tabilfors espress[32] jew miktub, għalkemm tali għarfien għandu jitfisser b'mod restrittiv[33] li ma jistax ikun ekwivoku[34];

Illi jrid jingħad ukoll li ladarba r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija allegazzjoni li tagħmilha l-parti attriċi biex twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa kontriha, jiġi li hija l-parti attriċi li trid tipprova tajjeb dik ir-rinunzja u li l-prova li tinġieb tkun waħda konklussiva[35];

Illi din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni ta' BBSL li kien hemm rinunzja għall-preskrizzjoni meta l-imsemmi mħarrek istralċjarju stqarr waqt ix-xhieda tiegħu li "*naturalment bħala stralċjarju m'għandi l-ebda intenzjoni noġġezzjona lejn a valid claim, pero` m'inix eżatt għal liema raġuni hu dovut dan il-flus*"[36];

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li debitur li jaċċetta li jħallas jekk jirriżulta li d-dejn huwa dovut jinterrompi l-preskrizzjoni sewwasew minħabba kundizzjoni bħal dik.[37] Il-Qorti tqis ukoll li kien hemm rinunzja għall-preskrizzjoni mill-imħarrek Mario Spiteri li xehed bla tlaqliq u aktar minn darba li huwa ma kienx qiegħed iċaħħad lil BBSL minn dak li hu dovut lilha, jekk huwa tabilħaqq dovut[38]. Il-Qorti, bi tħaddim tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm issemmew, tqis li tali rinunzji jorbtu wkoll lill-imħarrkin kollha billi huma kondebituri solidali[39];

---

[31] P.A. **10.12.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia pro et noe vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.606**)
[32] P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.744**)
[33] P.A. **7.12.1901** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Perini*** (Kollez. Vol: **XVIII.ii.81**)
[34] App. Ċiv. **8.1.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Beżżina*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.1**)
[35] App. Kumm. **20.3.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Paċe vs Fred Fenech*** (mhix pubblikata)
[36] Xhieda tiegħu f'paġ. 319 tal-proċess
[37] P.A. TM **2.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Fenech et vs Carmelo Portelli noe et*** (ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-**27.7.2007**)
[38] Xhieda tiegħu, f'paġġ. 376 – 7 tal-proċess
[39] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Camilleri et vs Alfed Ellul et***

Illi l-Qorti għalhekk sejra tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-imħarrkin Spiteri u Marcarm billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis il-**mertu tal-azzjoni** attriċi u kif ukoll l-**eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-imħarrkin;

Illi kif ingħad, l-azzjoni ta' BBSL hija waħda ta' rifużjoni ta' flejjes jew valur maħruġ minnha fil-provvista ta' materjal bħala korrispettiv tal-immobbli li twegħdet li tingħata. Fit-**tielet eċċezzjoni** tagħhom, l-imħarrkin eċċepew li l-konvenju m'għadux fis-seħħ u għalhekk ma jorbotx lill-partijiet. Huma jżidu jgħidu li l-azzjoni li messha ħadet BBSL kienet li titlob l-eżekuzzjoni tal-konvenju, u biss *in subsidium* setgħet tipproponi azzjoni għall-ħlas;

Illi, fid-dawl tal-kostatazzjonijiet li saru aktar qabel fis-sentenza, il-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija manifestament infondata. Il-konvenju jagħmilha ċara li jekk l-att finali ma jsirx tort tal-bejjiegħa, ix-xerrejja (f'dan il-każ, BBSL) kellhom **id-dritt** iġiegħlu lill-bejjiegħa jonoraw l-obbligi tagħhom "**jew inkella** li jieħdu lura u jżommu bħala tagħhom id-depożitu mħallas minnhom"[40]. Li jinfurzaw il-konvenju mhux obbligu imma dritt li BBSL kellha skond l-istess patti tal-konvenju; u d-dritt li jieħdu lura d-depożitu mhux sussidjarju imma alternattiv għall-ewwel dritt. Mill-provi ħareġ ċar ħafna li BBSL stabret għal żmien twil u ikko-operat mal-bejjiegħa bit-tama li dak li twiegħed lilha jseħħ. Imma mill-provi ħareġ ċar li, jittawwal kemm idum jittawwal il-konvenju, kien hemm xkiel konkret li l-ġid imwiegħed ma setax jinbiegħ lil BBSL ħieles mid-djun u mill-pretensjonijiet tal-kredituri tal-bejjiegħa. Din kienet raġuni fiha nfisha u waħda tajba għaliex BBSL ma mexxietx bil-jedd tagħha li titlob l-eżekuzzjoni ta' konvenju li ma setax, saż-żmien li kien għadu ħaj, ikun eżegwit kif miftiehem;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-imħarrkin Spiteri u Marcarm;

Illi fil-**ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet** tagħhom, l-imsemmija imħarrkin Spiteri u Marcarm jirreferu għad-dokument BBS-6 u jsostnu li qatt ma awtoriżżaw lill-Perit Colin Żammit biex jibgħat dik l-ittra jew li jagħmel dikjarazzjonijiet jew awtoriżżazzjoni ta' ħlas, kif tgħid l-istess ittra, u li qatt ma awtoriżżaw lil BBSL tikkonsenja materjal lil jew li toħroġ *credit note* favur Circle. Huma jirrilevaw kif il-fatturi maħruġin favuriha

[40] Klawsola 2(a) Dok "BBS1", f'paġ. 8 tal-proċess

jġibu d-dati ta' Marzu jew April 2007 u għalhekk qabel ma sar il-konvenju;

Illi dwar dawn l-eċċezzjonijiet, il-Qorti tqis li l-Perit Colin Żammit fisser[41] li tmint elef disa' mija u ħames euro u sbatax-il ċenteżmi (€8.905.17) murija fid-dokument BBS-6 kienu jirreferu għall-prezz ta' materjal ikkonsenjat minn BBSL lil Circle u li, bi żball, ġew addebitati fuq il-kont tal-imħarrkin. L-istess Perit xehed li, meta ntebaħ bl-iżball, huwa iġġira *credit note* maħruġa minn terz (Polidano Group) favur Maniera Group Limited (kumpannija tal-istess Perit) favur il-bennej (T&C Ciappara) tal-imħarrkin biex b'hekk il-bennej ikkredita lill-imħarrkin bl-ammont relattiv.[42] Ir-riżultat aħħari huwa li l-ammont ta' €8,907.17 illum huwa dovut mill-imħarrkin lil BBSL. Il-Perit Żammit xehed li l-imħarrkin kienu jafu b'dan l-arranġament u qablu miegħu, tant li huwa ffirma d-dokument BBS-6 fil-preżenza tagħhom. L-imħarrek Mario Spiteri jiċħad li kien jaf b'dan id-dokument. B'danakollu, huwa stqarr li iffirma *statement* li fih il-bennej naqqas l-ammont ta' €8700 mill-kont[43], liema ċifra tirrappreżenta sewwasew dak li jissemma bħala parti mill-kreditu fid-Dokument BBS-6 fuq imsemmi;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imsemmija ħames, sitt u seba' eċċezzjonijiet tal-imħarrkin Spiteri u Marcarm mhumiex mistħoqqa u mhux sejrin jintlaqgħu;

Illi għar-rigward tat-**tieni eċċezzjoni** l-imħarrkin jeċepixxu li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. B'danakollu, diġa' ntwera li l-imħarrek Mario Spiteri stqarr iktar minn darba li huwa ma jiċħadx li BBSL għandha tieħu l-ammont kollu minnha mitlub[44]. Tabilħaqq, il-Qorti tqis li, b'dik ix-xhieda tiegħu, huwa mhux biss irrinunzja għall-preskrizzjoni, imma saħansitra stqarr it-talbiet attriċi fl-interezza kollha tagħhom;

Illi għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni ma jistħoqqilha tintlaqa';

Illi fir-rigwarda tar-**raba' eċċezzjoni** tal-imħarrkin fil-mertu, ma hemmx dubbju li BBSL ressqet provi dokumentali u xhieda tajbin biżżejjed biex issostni fi grad xieraq u tajjeb il-pretensjonijiet tagħha kif trid il-liġi u kif mistenni minnha f'kawża bħal din. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin qajla jmieru l-imsemmija provi fis-sottomissjonijiet tagħhom aktar milli jipprovaw jgħidu li huma ma kenux imdaħħlin f'uħud mill-konsenji li

[41] Xhieda tiegħu f'paġġ. 354 – 7 tal-proċess
[42] Ara Dok "CZ1", f'paġ. 266 tal-proċess – email mill-Perit Colin Żammit lil Polidano li titlobhom jagħmlu *credit note* favur il-bennej tal-imħarrkin, Charles Ċiappara; u ara wkoll Dok "CZ2", f'paġ. 268 tal-proċess – il-fattura relattiva
[43] Dok "CZ4" f'paġ. 270 tal-proċess
[44] Xhieda tiegħu f'paġġ. 376, 377 u 380 tal-proċess

dwarhom BBSL titlob il-ħlas. Dwar dawn l-oġġezzjonijiet din il-Qorti tat il-fehma tagħha u ma jidhrilhiex li għandha terġa' ttennihom. Tgħid li BBSL ippruvat kif imiss it-talbiet tagħha li jistħoqqilhom jintlaqgħu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**eċċezzjonijiet imqajmin** mill-istralċjarju mħarrek, ma jidhirx li hemm xi ħaġa minnhom li titlob xi approfondiment minn din il-Qorti. Jingħad biss li Rose kienet imdaħħla bħala waħda mill-bejjiegħa fil-konvenju u r-rabtiet li ntrabtu bihom l-imħarrkin Spiteri u Marcarm intrabtet bihom Rose ukoll. Għalhekk, il-konsiderazzjonijiet magħmulin dwar id-difiżi mqajmin mill-imħarrkin Spiteri u Marcarm jgħoddu wkoll għal Rose;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrkin bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-kumpannija attriċi hija kreditriċi tal-istess imħarrkin fis-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf disa' mija u sebgħa u tletin euro (€ 232,937), liema somma l-imħarrkin iridu jħallsuha solidalment bejniethom;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu lill-kumpannija attriċi flimkien u solidalment bejniethom is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf disa' mija u sebgħa u tletin euro (€ 232,937), flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-20 ta' Diċembru, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża** flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**Onor Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Jannar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Jannar, 2017**